**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 538/97

John Sammut

vs

Kmandant Forzi Armati ta' Malta

Illum 16 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghal habta ta' bejn in-1987 u n-1995 ir-rikorrent sofra ingustizzja f'li qala transfer u ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti fil-qosor huma li r-rikorrent beda jahdem mal-Forzi Armati fl-24 ta' Lulju 1985. Huwa beda jahdem l-Palazz tal-President il-Belt

Valletta bhala Security Duty u kif tela' l-Gvern Nazzjonalista cempillu s-Sur Philip Mifsud li dak iz-zmien kien ghadu Bumbardier u nfurmah li mill-ghada kellu jirraporta l-Bazi gewwa Hal-Luqa fejn imbaghad intbaghat Hal-Far.

Illi r-rikorrent joqghod il-Mellieha w kellu jaghmel sagrifficju kbir biex jaqbad il-karrozza tal-linja mill-Mellieha sa Hal-Far ghax ir-rikorrent ma kellux karrozza tieghu w l-karrozza tal-linja m'humiex regolari. Illi peress li r-rikorrent kien jahdem mal-Logutenet Kurunell Peter Cordina, kif dan induna li baghtuh Hal Far talab ghalih biex jmur jahdem mieghu fil-Kwartieri Generali tal-Forzi Armati;

Illi f'Jannar tan-1988 u f'Dicembru 1990 hargu l-promozzjonijiet ghal Lance Bombardier u minkejja li r-rikorrent ghandu l-kwalifiki kollha w l-esperjenza mehtiega ghal din il-kariga gie maqbuz minn suldati "juniors" tieghu u anke b'inqas kwalifiki minn tar-rikorrent. Fl-20 ta' Jannar 1992 regghu saru l-promozzjonijiet u din id-darba r-rikorrent sar Lance Bombardier u dan ghaliex ma kienx fadal Gunner wiehed li ma sarx. Illi n-nies li kien ilhom fl-Armata inqas minn 3 snin saru Lance Bombardier u li r-rikorrent dam 7 snin biex lahaq. Fil-fatt li wiehed minn dawk li sar Lance Bombardier b'inqas minn 3 snin servizz kien ghadu qieghed jiehu xi taghlim minn ghand r-rikorrent fix-xoghol li ghandu x'jaqsam ma' l-ufficju. B'hekk ir-rikorrent tilef is-seniority. Illi r-rikorrent ghandu l-kwalifiki kollha mehtiega ghal-kariga ta' Bombardier li jinkludi 3$^{rd}$ class education, Trade Bill Clerk u seniority;

Illi r-rikorrent ma avvanzax f'din it-trade ghax fi 12 il-sena kemm ilu suldat l-awtoritajiet ma ghamlulux Trade Test, kemm ghal clerks bil BII u B1. (F'Bosta Trades saru kemm B1 u BII kif ukoll A1 u AII u minhabba f'hekk sofra ingustizzja ohra). Illi r-rikorrent dejjem qeda dmiru tajjeb kull fejn kien ordnat u qatt ma qala charge. Illi meta regghu hargu l-promotions, barra li regghu qabzuh partita suldati, persuna li kienet tahdem fl-istess ufficcju tar-rikorrent sar Bombardier u b'hekk hu f'7 snin sar Bombardier u r-rikorrent fi 11 il-sena irnexxielu jakkwista promozzjoni wahda ghax ta' bilfors.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu x-xhieda indikat f'dan ir-rikors biex jipprova l-kaz tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjonijiet ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ta' Bombardier b'lura biex b'hekk jerggha jiehu s-seniority tieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:
Illi r-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi oltre l-inammessibilita msemmija fil-paragrafu precedenti fir-rigward tal-promozzjonijiet li nghataw b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 ir-rikorrent kien anqas ikkwalifikat minn dawk li kienu ***junior*** tieghu. Tajjeb wiehed isemmi li fil-1988 sar ***cadre course*** ghal dawk li kienu nnominati biex jattendu dan il-kors u li ghalih ir-rikorrent kien gie nnominat. Izda gara li waqt dan il-course ir-rikorrent kien irraporta marid ghand it-tabib tas-Servizz fejn dan ta' l-ahhar kien skuzah milli jkompli ***cadre course*** li fiz-zmien imsemmi kien ikkunsidrat mehtieg biex wiehed javvanza fil-karriera tieghu fis-servizz. Ghaldaqstant ir-rikorrent fir-rigward ta' din il-kwalifika ma setax jigi kkunsidrat ikkwalifikat daqs dawk li spiccaw dan il-kors u li sussegwentement gew promossi ghar-rank ta' Lance Bombardier.

Illi t-transfer li qed jirreferi ghalih ir-rikorrent kien posting minn sezzjoni ghall-ohra fl-istess unita`. Dawn il-postings normalment isiru skond l-esigenzi tas-servizz u li wara kollox huma skond dawk il-kundizzjonijiet tas-servizz li huma specifikati fil-karta tal-avviz ta' l-ingagg li r-rikorrent kien accetta meta gie ngaggat fis-Servizz.

Ghaldaqstant l-alleggazzjoni tar-rikorrent  li sofra xi ngustizzja meta gie posted kif qal hija bla bazi.

Illi fir-rigward ta' dak li r-rikorrent qed jallega fejn isemmi li hu nghata promozzjoni fl-20 ta' Jannar 1992 ghaliex ***ma kienx fadal Gunner wiehed li ma sarx,*** dan mhux korrett ghaliex f'dak iz-zmien li r-rikorrent qed jalludi ghalih, certament hu ma kienx l-ahhar gunner li kien hemm fl-armata u ghaldaqstant dak li qed jallega hu bla bazi. Hawnhekk ir-rikorrent semma li persuna li skond hu kienet qed tiehu xi taghlim minn ghandu giet promossa.  L-ewwelnett ir-rikorrent naqas li jsemmi minn hi din il-persuna.  Ghaldaqstant wiehed ma jistax jikkumenta fuq dan.  Barra minn hekk ta' min isemmi li t-tul ta' zmien li wiehed kien mistenni li kellu jiskorri minn meta kien gie ngaggat qabel ma seta' jigi kkunsidrat ghall-promozzjoni (fiz-zmien li r-rikorrent qed jalludi ghalih) ma jirrizultax li kien specifikat. Ghaldaqstant ma jirrizultax li hemm xi bazi valida f'dak li qed jallega r-rikorrent f'dan ir-rigward.

Illi l-argument tar-rikorrent li ma avvanzax fit-trade ta' clerk ghax l-awtoritajiet ma ghamlux Trade Test mhix valida ghaliex jekk nigu f'dan, ir-rikorrent ma setax ikun svantaggjat minn haddiehor ghaliex hadd minn dawk li kien qed jistennew biex jersqu ghall-istess Trade Test ma gie trade tested.  Barra minn hekk ma jirrizultax li kien hemm xi mpediment lir-rikorrent biex joqghod ghal xi wiehed minn dawk it-Trade Tests li r-rikorrent stess semma li saru fi trades ohra.

Illi l-argument tar-rikorrent li qeda dmiru sewwa u li qatt ma qala charge huwa validu f'dak li huwa kriterju biex wiehed jigi kkunsidrat ghall-promozzjoni; izda wiehed ma jistax jiehdu bhala l-uniku kriterju biex wiehed jigi promoss kif donnu r-rikorrent qed jaghti wiehed x'jifhem ghaliex bl-istess argument wiehed ikollu awtomatikament jaghti promozzjoni lill-maggoranza ta' l-armata li certament jaqdu dmirhom u li qatt ma qalghu charge. Dan jghodd ukoll ghal dak li qed jintqal mir-rikorrent f'dak li hu zmien li wiehed ikun ilu ma jigi promoss jew li jkun ilu jgorr l-istess rank. Fir-rigward tal-persuna li r-rikorrent qed isemmi min hi din il-persuna u ghalhekk wiehed ma jistax jikkummenta jew jiddefendi l-posizzjoni tieghu f'dan ir-rigward.

Illi fuq kollox jidher li l-promozzjonijiet fiz-zewg okkazjonijiet li r-rikorrent qed jallega li sofra xi ngustizzja saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe' l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent,wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi fit-30 ta' Marzu, 1999 l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni bbazata fuq l-artikolu 161 tal-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Sostna li hu mhux vera li waqt il-Cadre Course rraporta li marid imma kien wegga waqt l-course u b'hekk gie maqlugh. Gara wkoll li mill-1998 sa l-1990 ma kienx hemm course tal-cadre.

In kontroezami r-rikorrent qal li fl-1 ta' Jannar 1989 kien gie mitlub mill-ex Kurunell Cordina biex jirraporta il-Headquarters ta' l-Armed Forces. Fil-promozzjonijiet minn Gunners ghal Lance Bombardier fl-

1990 fost ohrajn qabzuh 85556 Gunner Ellul, 85527 Gunner Borg, 85555 Gunner Azzopardi, u li dawn ma kellhomx third class education u l-erbgha li huma kienu ukoll juniors tieghu. Meta dahal hu fl-1985 kellu diga' it-third class education. Fl-1990 kellu trade ta' B3 clerk. Lehaq Lance Bombardier fl-1992. Fl-1990 ma kellux restrizzjonijiet medici.

Carmel Camilleri xehed li ilu jaf lir-rikorrent ghal madwar 9 snin, u hu kien Chief Clerk waqt li r-rikorrent kien Clerk. Fl-ahhar sena u nofs ma baqax hemm u mar jahdem go barracks iehor, u ha over minfloku warrant officer Emanuel Cauchi fil-kapacita ta' chief Clerk. Sa l-1992 ir-rikorrent kien ghadu gunner izda kien jaghmel xoghol klerikali. Semma li r-rikorrent fuq il-post tax-xoghol bhala dejjem ghamel xoghlu kif suppost.

Emanuel Cauchi li jahdem fl-AFM fil-Headquarters bhal Chief Clerk xehed li hu ha over minn Warrant Officer Carmel Camilleri. Mieghu kellu lil Bumbardier Sciberras, Bumbardier Sammut u Lance Bumbardier Sammut li huwa r-rikorrent u Gunner Zahra. Daqshekk ilhom flimkien minn Awissu 1989. Bumbardier Sciberras lehaq bumbardier fil-promozzjonijiet ta' l-1992. Sciberras kien wara r-rikorrent bhala seniority. Dwar ir-rikorrent qal li fil-bidu huwa kien ezemplari fuq ix-xoghol u kien jaghmel xoghlu sew, izda malli hargu l-promozzjonijiet u huwa ma kienx ha l-promozzjoni gieli gibidlu l-attenzzjoni biex joqghod aktar attent u kkoregih. Haseb li kien jaghmel dan peress li kien inkwetat peress li ma hax il-promozzjonijiet. Wara l-1992 peress li huwa kien ha l-promozzjoni r-

rikorrent nbidel ftit u mar ghall-ahjar rega. Semma li fl-1990 kien ikkwalifikat biex jiehu l-promozzjoni.

Peter Cordina xehed li jaf lir-rikorrent peress li ghal xi zmien kien jahdem bhala clerk mieghu meta kien fl-administration. Semma li r-rikorrent dejjem kien efficjenti fuq xogholu. Ix-xhud spicca mill-Armata fin-1992. Ftakar li fl-1989, meta r-rikorrent kien gie trasferit mill-Belt ghall-Hal Far hu kien talab ghalih. Hass li r-rikorrent kien reliable u efficjenti fuq xogholu.

Lt. Col Mario Schembri ipprezenta rapport mediku mahrug minn Dr Robert Galea, rigward is-sahha tar-rikorrent, illi jkopri Awissu tan-1988. Semma li minhabba xi mard illi kellu, ghal xi zmien ir-rikorrent, ma setax ikompli il-cadre course li kien qed isir dak iz-zmien. Hu ghaldaqstant kellu jinqala' u kien skuzat milli jaghmel xi tip ta' training. Ipprezenta wkoll l-Annual Report and Deployment Sheet, li jkopri z-zmien bejn l-1 ta' Marzu 1998 u 28 ta' Frar 1990 rigward ir-rikorrent. Kien ghadu fil-grad ta' gunner dak iz-zmien. Imbaghad hawnhekk qed jigi wkoll rrikomandat ghall-promozzjoni ta' Lance Bombardier. Din m'hijiex promotion assessement report, imma hija annual report, li ssir kull sena mhux meta jkun hemm promozzjonijiet. Ipprezenta l-promozzjonijiet li saru mir-rank ta' Gunner ghall-Lance Bombardier, b'effett mill-1 ta' Ottubru 1990. Ipprezenta skeda dwar il-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988. Minn dan jidher li John Borg li huwa junior tar-rikorrent, ha promozzjoni. John Borg kien u ghadu bandist, u

ghaldaqstant kellu t-trade specifika ta’ bandsman A3, fejn ir-rikorrent kellu Clerk B3, dak kien ix-xoghol tar-rikorrent dak iz-zmien ukoll. Jidher pero’ li l-Education tal-bandist, hija nil, fejn ir-rikorrent kellu education Class 3. Minn naha l-ohra, il-Cadre Course, l-ghola Classification ghall-Gunner Borg u ovvjament ir-rikorrent ma setax ikomplieh.

Ir-rikorrent ma kienx wegga' waqt it-Training ta' Cadre course imma kienet fuq talba tieghu stess li jinqala' medically minhabba li skond in-nota li hemm miktuba fuq ir-records "fed up of Cadre course and feels incompetent to carry on". Dwar 'generalised myalgia' tfisser ugih fil-muskoli ta' kullimkien.

Fir-rigward tal-promotion exercise tan-1990 hdax li kienu junior tar-rikorrent gew promossi, izda kollha kellhom il-Cadre course. Zied li “Qed nigi mistoqsi l-fatt li ma jkollokx il-Cadre Course ifissirx li ma tistax tigi promoss minn Gunner ghal Bumbardier nghid li fil-promotion exercise tan-1990 hekk kienet. Fil-promotion exercise tan-1988 il-Cadre course kien inghata importanza izda ma kienx a deciding factor fin-1990.”

**KONKLUZZJONIJIET**

Meta wiehed jezamina l-ilment tar-rikorrent isib diversi aspetti:

(a) t-transfer li sofra r-rikorrent;

(b) in-nuqqas ta’ promozzjoni fl-1988;

(c) in-nuqqas ta’ promozzjoni fl-1990.

***(a) t-transfer li sofra r-rikorrent;***

Irrizulta li wara l-elezzjoni tal-1987 ir-rikorrent li kien jahdem bhala security, il-Palazz tal-President il-Belt, gie trasferit ghal Hal-Far. Din kienet daqqa ta' harta ghalih li kien joqghod il-Mellieha li kien ikollu jmur ghax-xoghol Hal-Far. Izda ma rrizultax li dan kien xi transfer vendikattiv jew minghajr raguni. Hu logiku li wara bidla fil-gvern, il-gvern tal-gurnata ghandu d-dritt li jaghzel lil dawk in-nies li jgawdu fiducja specjali f'post sensittiv bhal dak li kien jahdem fih ir-rikorrent. Ma rrizultawx xi serje ta' transfers. Illi ghalhekk it-Tribunal ma jsibx dan l-aspett tal-ilment gustifikat u f' dan ir-rigward jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

***(b) in-nuqqas ta' promozzjoni fl-1988;***

Din giet spjegata sew fi kliem il-Kurunell Schembri li semma li r-rikorrent inqabez biss minn wiehed - John Borg li kien junior tar-rikorrent, li kien u ghadu bandist u li kellu t-trade specifika ta' bandsman A3, waqt li r-rikorrent kellu Clerk B3. Waqt li l-Education tal-bandist hija nil, dik tar-rikorrent kienet education Class 3, minn naha l-ohra, ir-rikorrent ma kellux l-Cadre Course waqt li Borg kellu A. Fil-fehma tat-Tribunal dan ma jammontax ghal ingustizzja fit-termini tal-Kap 394 u ghalhekk f' dan ir-rigward jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

***(c ) in-nuqqas ta' promozzjoni fl-1990***

Hawn wiehed irid jaghmel ezami aktar fit-tul. Hdax qabzu lir-rikorrent. Minn dawn 5 kellhom Army Certificate of Education Class 2 waqt li dik tar-rikorrent kienet Class 3, oltre ghal li kellhom il-Cadre Course. Dominic Caruana u Anthony Lautier kellhom bhalu Class 3 izda kellhom ukoll il-Cadre Course. L-erbgha l-ohra kellhom il-Cadre Course izda ma kellhomx l-Army Certificate of Education li kellu r-rikorrent. Bhala trades ir-rikorrent kellu Clerk B3; Lawrence Stivala kellu PD B3, u Driver B3, waqt li Anthony Ellul kellu PPF B3 u PD B3 u ghalhekk kienu superjuri fit-Trades ghar-rikorrent. Albert Borg kien fl-istess posizzjoni bhar-rikorrent fit-Trades ghax kellu STM B3. Izda Alfred Azzopardi li lehaq fl-1990 mhux biss ma kellux kwalifiki ta' ACE, izda lanqas biss kellu kwalifiki fit-trades.

Irrizulta li x-xoghol tar-rikorrent kien tajjeb u diversi nies ghaddew rimarki posittivi dwaru. Ma irrizultax li kien hemm xi raguni ghaliex ir-rikorrent ma kellux jilhaq.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-

seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni).” [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Meta wiehed iqis il-fatturi kollha jasal ghall-konkluzzjoni li meta r-rikorrent ma nghatax il-promozzjoni fl-1990 saret ingustizzja mieghu u ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-intimat dwar dan l-aspett tal-ilment tar-rikorrent, jilqa’ t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat dwar il-promozzjonijiet tal-1990 jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta’ Lance Bombardier b’effett mill-1 ta’ Ottubru, 1990 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra. Huwa veru li r-rikorrent lehaq f’din il-kariga fl-20 ta’ Jannar tal-1992 u forsi f’dik id-data kien ikollu possibiltajiet ohra kienu kien ha l-promozzjoni fl-1990, izda it-Tribunal ma jista’ jaghmel xejn dwar dan.

Minhabba li xi aspetti tal-ilment gew michuda, waqt li dak dwar il-promozzjoni tal-1990 gie milqugh, spejjez bla taxxa.